DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 42/2008

tal-25 ta' April 2008

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja biex titnaqqas il-prevalenza tas-*Salmonella enteritidis* u tas-*Salmonella typhimurium* fil-brojlers u jitneħħa r-Regolament (KE) Nru 1091/2005 [2] għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/407/KE tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar il-monitoraġġ armonizzat tar-reżistenza antimikrobika tas-*Salmonella* fit-tjur u l-ħnieżer [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/411/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2007 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jiġu minn annimali bovini mwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996 għal kwalunkwe skop u li teżenta lil dawn l-annimali minn ċerti miżuri ta' kontroll u qerda stipulati fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/598/KE [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istat tal-BSE fl-Istati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skond ir-riskju tagħhom tal-BSE [5] għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/570/KE tal-20 ta' Awwissu 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2003/634/KE li tapprova l-programmi bil-għan li jinkiseb status ta' żoni u rziezet approvati f' żoni li mhumiex approvati, b'rabta mas-settiċemija emorraġika virali (VHS) u tan-nekrożi ematopojetika infettiva (IHN) fil-ħut [6] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 646/2007 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1091/2005 [7], li jinsab inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt dan il-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni 2007/411/KE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/598/KE [8] li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skond il-Ftehim.

---

[1] ĠU L 154, 12.6.2008, p. 1.
[2] ĠU L 151, 13.6.2007, p. 21.
[3] ĠU L 153, 14.6.2007, p. 26.
[4] ĠU L 155, 15.6.2007, p. 74.
[5] ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.
[6] ĠU L 217, 22.8.2007, p. 36.
[7] ĠU L 182, 13.7.2005, p. 3.
[8] ĠU L 204, 5.8.2005, p. 22.

(9) Bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 l-Iżlanda ħadet l-atti msemmija fil-Kapitolu I ta' l-Anness I, ħlief għal dawk id-dispożizzjonijiet dwar l-annimali ħajjin, barra mill-ħut u annimali ta' l-akkwakultura, u prodotti ta' l-annimali bħal ma huma l-bajd għat-tnissil, l-embrijuni, u ż-żerriegħa tar-raġel.

(10) L-atti msemmija fil-Kapitolu I ta' l-Anness I għandhom japplikaw għall-Iżlanda sakemm ma jkunx stabbilit fl-att speċifiku li dan ma jkunx japplika għall-Iżlanda. Għalhekk, għandu jiġi stabbilit li numru ta' atti inkorporati fil-Ftehim ma japplikawx għall-Iżlanda.

(11) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda b'perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttiva tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-oqsma li ma kinux japplikaw għall-Iżlanda qabel ir-reviżjoni ta' dan il-Kapitolu b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-Żee Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007.

(12) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Taħt l-intestatura "*L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*", l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 55 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/634/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32007 D 0570**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/570/KE tal-20 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 217, 22.8.2007, p. 36)."

(2) Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 46 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/182/KE) fil-Parti 7.2:

"47. **32007 R 0646**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda mira Komunitarja biex titnaqqas il-prevalenza tas-*Salmonella enteritidis* u tas-*Salmonella typhimurium* fil-brojlers u jitneħħa r-Regolament (KE) Nru 1091/2005 (ĠU L 151, 13.6.2007, p. 21).

48. **32007 D 0407**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/407/KE tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar il-monitoraġġ armonizzat tar-resistenza antimikrobijali tas-*Salmonella* fit-tjur u l-ħnieżer (ĠU L 153, 14.6.2007, p. 26).

49. **32007 D 0453**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istat tal-BSE ta' l-Istati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skond ir-riskju tal-BSE tagħhom (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84)."

(3) It-test tal-punt 26 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 1091/2005) fil-Parti 7.2 għandu jitħassar.

(4) Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTHOQQ*", it-test tal-punt 41 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/598/KE) fil-Parti 7.2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**32007 D 0411**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/411/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2007 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jiġu minn annimali bovini mwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996 għal kwalunkwe skop u li teżenta dawn l-annimali minn ċerti kontrolli u miżuri ta' qerda stipulati fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/598/KE (ĠU L 155, 15,6,2007, p. 74)."

(5) Is-sentenza "Dan it-test ma japplikax għall-Iżlanda" għandha tidħol fil-punt 133 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/16/KE) fil-Parti 1.2.

(6) Taħt l-intestatura "*L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*" is-sentenza "Dan it-test ma japplikax għall-Iżlanda" għandu jidħol fil-punt 35 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/123/KE), 36 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/800/KE), 37 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/802/KE), 38 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/18/KE), 39 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/19/KE) u 40 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/24/KE) fil-Parti 3.2.

(7) Taħt l-intestatura "*L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*" is-sentenza "Dan it-test ma japplikax għall-Iżlanda" għandha tidħol fil-punt 58 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/17/KE) fil-Parti 4.2.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 646/2007 u d-Deċiżjonijiet 2007/407/KE, 2007/411/KE, 2007/453/KE u 2007/570/KE fil-lingwi Iżlandiżi u Norveġiżi, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' April 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Indikata l-eżistenza ta' ħtiġijiet kostituzzjonali.